**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 251/07VG**

**Hon. Anthony sive Ninu Zammit**

**Vs**

**Dr. Alfred Sant**

**Illum 22 ta' Frar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Anthony sive Ninu Zammit fis-17 ta' Awwissu 2007 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti: (i) tiddikjara li d-diskors pubbliku li sar fil-Mosta minn Dr. Alfred Sant nhar il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007, liema diskors gie irrappurtat fil-medja, dwar il-kumpens li thallas lilu in konnessjoni ma' l-esproprjazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unur u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku; u (ii) tikkundanna lil Dr. Alfred Sant ihallsu dik is-somma li tigi likwidata Minnha ai termini ta' l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra Dr. Alfred Sant;

Rat ir-Risposta ta' Dr. Alfred Sant permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) id-diskors indikat mill-attur ma huwiex libelluz ai termini tal-Ligi, fil-konfront ta' l-istess attur; (ii) subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-istess diskors jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement,* tieghu u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem; u (iii) bid-diskors tieghu huwa kien qed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f'demokrazija li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika bhala deputat tal-poplu u Kap ta' l-Opposizzjoni u jesprimi fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku, dwar l-amministrazzjoni pubblika;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Dicembru 2007[1], tat-22 ta' Mejju 2008[2], ta' l-14 ta' Ottubru 2008[3] u tal-5 ta' Frar 2009[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CSH" sa' Dok. "CH" a fol. 18 sa' 29 tal-process u Dok. "Z" a fol. 34 u 35 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Dr. Simon Manicaro moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2009[5] u rat id-dokument esebit minnu - ossia *recording* fuq tape tad-diskors mertu ta' dawn il-proceduri - markat Dok. "SM" a fol. 47 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Martin Saliba, rapprezentant tal-MEPA, moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MS1" sa' Dok. "MS7" a fol. 78 sa' 243 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Margaret Falzon, rapprezentant tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2013[7] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "MF1" a fol. 253 tal-process, u semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tat-8 ta' Lulju 2013[8] u tal-21 ta' Ottubru 2013[9];

Rat li l-partijiet iddikjaraw li dawn il-proceduri mixjin mal-proceduri fl-ismijiet "Onor. Anthony sive Ninu Zammit v. Frans Ghirxi noe" Avviz Nru. 255/07[10]; "Dr. Francis Zammit Dimech v. Dr. Alfred Sant" Rik. Nru. 101/08, "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Miriam Dalli noe" Rik. Nru. 256/07 u "Hon. Anthony sive Ninu Zammit v. Jason Micallef" Rikors Nru. 266/07[11];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-atturipprezentata fl-14 ta' April 2014[12] u rat in-Nota Responsiva tal-konvenut ipprezentata fil-25 ta' Awwissu 2014[13];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jikkontesta diskors pubbliku li sar mill-konvenut fil-Mosta, il-Hadd 12 ta' Awwissu 2007, liema diskors gie rrappurtat fil-medja, fejn il-konvenut iddikjara li *da Ninu Zammit ghax hadulu bicca strippa zghira ta' art halli jkunu jistghu jaghmlu l-linja tat-triq ... Alla jbierek ... Lm70,000 ... kumpens ... jien nghidlu rigal mhux kumpens,* u jitlob li l-Qorti tiddikjara li dan id-diskors huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu billi joffendi l-unur u l-fama tieghu u jesponih ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallsu dik is-somma li tigi likwidata Minnha ai termini ta' l-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol. 10 u 11 tal-process.
[2] Fol. 15 sa' 17 tal-process.
[3] Fol. 32 u 33 tal-process.
[4] Fol. 38 u 39 tal-process.
[5] Fol. 45 tal-process.
[6] Fol. 244 sa' 249 tal-process.
[7] Fol. 254 sa' 263 tal-process.
[8] Fol. 264 sa' 270 tal-process.
[9] Fol. 272 u 273 tal-process.
[10] Fol. 13 tal-process. Dawn il-proceduri gew decizi minn din il-Qorti diversament presjeduta b'sentenza pronuncjata fid-29 ta' Marzu 2010.
[11] Fol. 77 tal-process.
[12] Fol. 276 sa' 281 tal-process.
[13] Fol. 284 sa' 292 tal-process.

Il-konvenut jilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) id-diskors indikat mill-attur ma huwiex libelluz ai termini tal-Ligi, fil-konfront ta' l-istess attur; (ii) l-istess diskors jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement,* u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem; u (iii) bid-diskors tieghu huwa kien qed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f'demokrazija li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika bhala deputat tal-poplu u Kap ta' l-Opposizzjoni u jesprimi fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku, dwar l-amministrazzjoni pubblika.

Ghall-fini li jirribatti dak li ntqal mill-konvenut u sabiex jghid il-ghaliex ihossu ingurjat b'tali diskors l-attur iddikjara li *effettivament lili haduli hundred and eighty seven square metres. Dan ifisser plot normali ta' tlett qasab faccata b'fond ta' erbgha u disghin pied. Hawnhekk nista' nerga' naghti kif saret l-acquisition u dan fis-sens li jiena kont applikajt skond il-Ligi vigenti ta' dak iz-zmien. L-applikazzjoni tieghi giet ikkunsidrata kif gew kunsidrati applikazzjonijiet ohrajn u inghatajt is-somma ta' erbgha u erbghin elf però peress li jiena domt biex ircevejt din is-somma flus, jiena domt nistenna dan l-ammont u cioè min-1989 sa' llum. Jiena nixtieq nghid li dan huwa dritt li jinghata lil kull cittadin Malti u ma kien rigal xejn. Nixtieq nghid li jien l-ammont ta' flus li rcevejt jien kollu above ... Jiena hassejt li jiena offiz illi jien gejt mghajjar qisni sraqt xi haga li ma kinitx tieghi. Huwa minnu li jiena wkoll mort Arbitration Board sabiex l-ammont jigi verifikat*[14].

Sabiex ulterjorment jissosstanzja dak minnu affermat l-attur esebixxa, fost affarijiet ohra, kemm l-applikazzjoni u l-pjanti relattivi ghall-permess tal-bini fuq il-proprjetà z-Zurrieq, fuq liema eventwalment bena r-residenza tieghu, kif wkoll pjanta li turi z-zewg bicciet art tal-kejl komplessiv ta' 187m$^2$ li gew esproprjati w esebixxa wkoll in-Notifikazzjonijiet tal-Gvern pubblikati fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Frar 2007 relattivi ghad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta a tenur ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, Kap.88 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward ta' tali dokumentazzjoni u l-iskop probatorju taghha l-attur iddikjara *qed nesebixxi building permit, il-permess tal-bini originali li n-numru huwa 4489 ta' l-83. Dan kien il-building application. Il-building permit hareg f'Mejju tas-sena 1987. Dan qed jigi mmarkat bhala dokument CSH*[15] *u inghatajt to erect a dwelling as per plan submitted on the 19$^{th}$ of February 1985. L-applikazzjoni kont ghamiltha fil-11 ta' Novembru 1983. Il-permess kien hareg fit-13 ta' Mejju 1987 u kont ghamilt il-pjanti annessi. Sussegwentement kont ghamilt xi modification u kont applikajtu sanction u dan il-permess kien hareg ukoll. Qed nesebixxi, li l-Qorti qed timmarka bhala dokument CSH1 s-site plan ta' kif jiena kont effettivament applikajt l-ewwel darba. Hawnhekk johrog car li jiena kont applikajt fuq faccata ta' sebgha u tletin (37) pied li taccedi t-totali ta' hundred and*

[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Dicembru 2007, fol. 10 u 11 tal-process.
[15] Fol. 18 tal-process.

*eighty seven (187) feet. Din il-pjanta li qed nesebixxi u qed tigi mmarkata bhala Dok. CSH1 hemm is-site plan kif ukoll il-konfigurazzjoni ta' kif kellha tkun din id-dar*[16]*. Qed nesebixxi wkoll pjanta ohra li qed tigi mmarkata bhala dokument CSH2*[17] *li tindika l-esproprjazzjoni ta' l-art li saret fi Triq Sant' Andrija z-Zurrieq. Nixtieq nghid li fuq din il-pjanta hemm indikat bl-isfar l-esproprjazzjoni u li fuqha il-gar tieghi kien gie* [recte: ikkumpensat]. *Imbaghad hemm zewg porzjonijiet li huma bil-blu A u B u nghid li dawn huma zewg bicciet art li gew esproprjati lili li ghandhom area ta' 187 square metres ekwivalenti ghall-faccata ghal plot bi tlett qasab faccata u fond ta' 97 feet. Nghid ukoll li fuq porzjon A kien hemm razzett mibni u kelli area ta' 181 square metres u allura kellu faccata ta' 47 feet u fond ta' 31 feet. Dawn iz-zewg porzjonijiet A u B gew akkwistati mill-Gvern ghall-uzu pubbliku. Meta jiena kont ghaddej bix-xoghol kont gejt infurmat li t-triq kellha titwessa' kollha u l-alignment kellu jidhol fuq il-faccata kollha ta' 187 feet 'l gewwa mill-alignment u jien kelli nidhol fuq il-faccata ta' 37 feet li jiena kont applikajt fuqha. Nghid li l-art ittiehdet over fin-1989 u jiena thallast. Wara ghaxar snin ma kontx ircevejt l-ebda* [recte: *acquisition*] *order. Fis-sena 2005 fit-22 ta' Lulju skond il-ligi jiena thallast ghall-kumpens ta' l-area li kienu haduli. Dan wara li l-gar ta' ma genbi, li l-art tieghu hija ndikata bil-kulur isfar fuq il-pjanta esebita minni bhala dokument CSH1 kien diga' thallas. Fit-22 ta' Frar tas-sena 2007 inhargu l-expropriation orders mill-President, li l-Qorti qed timmarkata bhala dokument Q*[18]*. Jiena gejt offrut is-somma ta' erbgha u erbghin elf fuq area ta'* [recte: 187] *square metres li jigi ekwivalenti ghas-somma ta' 235 per square metres. Fil-fehma tieghi m'huwa rigal xejn. Iwaqqa' fix-xejn dak li qal Dr. Alfred Sant*[19].

Da parte tieghu l-konvenut jikkontendi li huwa ghamel id-diskors in kwistjoni fil-konfront ta' l-attur ghaliex *dak iz-zmien il-Perit Ninu Zammit kien Ministru responsabbli mill-Infrastruttura tal-pajjiz u evidentement kien marbut ma' certa agir li jkun agir trasparenti u li jiftiehem. Dak li ghandu x'jaqsam ma' rimborsi ghal art mehudha mill-kaz tal-partikolar u l-Gvern allura jaghtihom il-flus, ovvjament kont naf, shabi u jien kien ikollna ilmenti kbar min-nies li jdumu hafna biex jithallsu, li jithallsu anqas milli jghidu li ghandhom jinghataw u li l-processi li bihom jaslu ghal xi forma ta' ftehim itulu u jdulu. Evidentement dana ma garax fil-kaz imsemmi u jidher li l-Ministru uza proceduri godda biex jaghmel claims fuq affarijiet li kienu antiki li jmorru lura ghas-sena 86, 87 u 88 biex hu jithallas b'ghaggla w anke kien hemm allegazzjonijiet illi ma kienux gew ridattuti b'mod trasparenti li effettivament il-claims li kien qed jaghmel kienu jirrelataw ma' certa procedura li ntuzat biex dak li kien qieghed quddiem il-bini tieghu, quddiem id-dar tieghu, quddiem il-proprjetà minflok ikun responsabbli hu ghal dak li jissejjah forming tat-triq, tigi esproprjata l-art in kwistjoni, allura jkun responsabbli l-Gvern ghall-forming tat-triq u li fuq dik il-bazi imbaghad ikun jista' jikklejmja illi jigi rimborsat ta' l-esproprjazzjoni u fuq dan kollu ma kien hemm l-ebda trasparenza, kienu qed isiru allegazzjonijiet li ma gewx iccarati, nahseb illi kienet*

[16] Fol. 19 tal-process.
[17] Fol. 20 tal-process.
[18] Fol. 21 sa' 26 tal-process.
[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2008, fol. 15 sa' 17 tal-process.

*fid-dover tieghi bhala Kap ta' l-Opposizzjoni nqajjem dan il-punt, nishaqq fuqu u nghid illi l-procedura kienet qed tammonta ghal rigal lill-Ministru.*

In kontro-ezami l-konvenut baqa' jishaqq li *rrizultali li dak illi sar, sar b'mod differenti milli sar ghall-persuna ohra fl-istess triq. ... Effettivament irrizultali illi gie trattat b'mod illi kien aktar effikaci, aktar efficjenti u rrombla aktar malajr u illi kien hemm ukoll allegazzjonijiet li qatt ma gew kjarifikati li permezz tal-procedura li segwa gie rikumpensat aktar minn haddiehor. ... Mhux jekk hu intelligenti aktar minn haddiehor, qed nitkellmu fuq Ministru tal-Gvern. Meta qed nitkellmu fuq Ministru tal-Gvern, il-kriterji mhux jekk hux intelligenti aktar minn haddiehor jew jekk hux illi ghandu percezzjoni ahjar u mod ahjar kif jista' jmexxi l-affarijiet tieghu. It-trasparenza trid tkun krucjali f'din il-haga. ... L-argument mhux jekk kellux dritt, kull cittadin ghandu d-dritt. L-argument hu jekk il-fatt illi bhala Ministru kellux jidher u fil-fatt ikun li jithallas aktar jew b'mod aktar favorevoli minn haddiehor u din hija xi haga li qatt ma giet imwiegba b'mod trasparenti. Li konna qed nghidu right through illi dan rigal u minflok inghatajna l-ispjega taghha, inghatajna hafna affarijiet li ma kienux rilevanti. ... Li rrizultali u li nista' nsemmi jien ukoll kienet din li semmejt meta tajt ix-xhieda l-ohra. Illi l-perit qabad u beda jizviluppa qabel kellu l-permess fis-sena 1987, ma' l-elezzjoni qabad u beda jibni. ... Dik kienet l-allegazzjoni li kellu, li qatt ma semmejt. ... L-allegazzjoni kienet preciza hafna u l-allegazzjoni kienet din. L-izvilupp kien referibbli ghall-frontage kollu illi effettivament il-permess inghata fuq parti minnu, l-esproprazzjoni ttiehdet fuq il-bqija tal-frontage li allura l-Gvern kien responsabbli ghal street forming. ... Applika ghall-frontage fuq certa parti, il-parti l-ohra giet esproprjata u seta' jmexxi imbaghad fuq dik il-bazi. .... Hu kellu jhallas ta' street forming kollu. Li m'ghamilhiex allura gie esproprjat, ghandu claim biex jigi rikumpensat fuq l-esproprazzjoni, imbaghad il-frontage, l-istreet forming ma dahalx ghaliha hu, dahal ghaliha l-Gvern*[20].

Mix-xhieda tal-konvenut johrog ferm car li huwa ghamel id-diskors li ghamel ghar-raguni li skontu l-attur kien fl-ewwel lok approfitta ruhu mill-procedura ta' l-esproprjazzjoni biex mhux biss l-ispiza necessarja ghall-formazzjoni tat-triq tigi inkorsa mill-Gvern Centrali u mhux minnu personalment izda addirittura jithallas mill-Gvern, u li *qua* Ministru responsabbli ghall-Infrastruttura kien approfitta ruhu mill-posizzjoni tieghu biex jigi kkumpensat ghal tehid ta'zewg bicciet art li kien sar snin qabel, jigi ikkumpensat malajr u jigi kkumpensat b'rata ghola milli kien haqqu. Dawn huma l-allegazzjonijiet centrali fuq liema l-konvenut ibbaza d-diskors tieghu fil-konfront ta' l-attur u fuq liema jibbaza d-difiza tieghu li d-diskors in kwistjoni ma kienx ingurjuz fil-konfront ta' l-attur u li huwa espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament jew *value judgement* tieghu u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, li bhala Kap ta' l-Opposizzjoni kellu id-dover li jwassal lill-pubbliku.

Huwa principju guridiku assodat in materja li *l-azzjoni ta' libell mahsuba fil-Kap 248 trid titqies bhala azzjoni specjali li l-ghejjun taghha fil-bidu kienu mahsuba li*

[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, fol. 264 sa' 270 tal-process.

*jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jigi mxandar fil-gurnali. Malmedda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-harsien tal-fama tal-individwu minn dak li jista' jinkiteb jew jinghad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-iehor fondamentali tal-espressjoni hielsa tal-fehmiet ta' dak li jkun. L-azzjoni ta' libell hija ghalhekk azzjoni ecezzjonali li wiehed idur ghaliha biss f'kaz fejn l-unur u l-gieh ta' persuna jkunu gew imkasbrin jew miftuha ghad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jinghad jew jigi mxandar dwaru. Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aggornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwestjoni, l-ghoti ta' rimedju li jinhata taht azzjoni bhal din qieghed kulma jmur ixaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni hielsa. Il- htiega tal-harsien mill-Ligi lill-unur u r-reputazzjoni ta' persuna m'ghandux, b'riflessjonijiet u induzzjonijiet bla qies, johonqu l-espressjoni hielsa. Illi l-jedd tal-espressjoni hielsa ... kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u wkoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jigbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w izzomm fehmiet bla ndhil minn hadd u li tircievi minghand u tghaddi lil haddiehor idejat u taghrif bla ndhil. Minhabba li dan il-jedd igib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, ghandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta' demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wiehed isib il-harsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni ohrajn mill-effetti tal-ezercizzju tad-dritt tal-espressjoni hielsa ta' dak li jkun. Ma jistax ikun, ghalhekk, li l-Istampa u l-mezzi l-ohrajn ta' komunikazzjoni ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet. Illi it-tifsir moghti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'ghadd ta' kazijiet lill-imsemmija dispozizzjonijiet tal-ligi iqis, fost l-ohrajn u b'mod ewlieni, is-siwi tad-dibattitu politiku hieles bhala wahda mis-sisien fejjieda ta' stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem gharaf bejn kritika li issir fil-konfront ta' persuna li hija mdahhla fil-hajja pubblika (jew politika) u persuna li m'hijiex. Illi l-libell bl-istampa jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ccekken lill-persuna li ghaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-gieh tas-socjetà lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess socjetà, jew li tesponiha ghad-disprezz jew mibeghda taghha. Min-naha l-ohra, il-kritika ta' persuna, l-izjed jekk dik il-persuna tkun imdahhla fil-qasam pubbliku, ma ssirx minnufih passibbli ghas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun wahda serja, oggettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun harxa u qawwija. Minn dan johrog li l-ezami ewlieni li ghandu jaghmel il-gudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar jikkawzax lill-persuna li ghaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi nuqqas ta' stima f'ghajnejn min ikun qraha jew semaghha. Tali "udjenza" ghandha tigi meqjusa bhala qarrejja jew semmiegha ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tieghu. Illi ghar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-ligi tal-istampa tittollera huwa x'aktarx gholi, azzardat u wiesgha, u cirkostkritt biss minn prova ta' hazen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-dicenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. ... F'dan il-kaz, il-principju ta' l-espressjoni hielsa huwa mirfud bil-kwestjoni tal-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika misthoqqa li ghandna ssir dwar persuna involuta fil-hajja pubblika wkoll jekk il-kritika tolqot il-hajja privata tal-personagg pubbliku. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ghamla tal-kritika li ssir, jinghad li wahda mill-forom li tintuza hija l-kumment. Bhalma timplika l-kelma nnifisha, kumment*

*m'huwiex semplici stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li sehh ukoll jekk tkun tifsira pregudikata jew partigiana. Fil-qasam politiku, imbaghad, il-kumment jista' jkun mahsub biex johloq xkiel jew jaghmel hsara politika lil xi persuna involuta jew biex sahansitra jqanqal disgwid jew tahwid fil-kamp politiku oppost. Illi huwa accettat li jekk il-kumment ikun "gust", ma jaqax taht il-pieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwestjoni ta' kummenti li jitqiesu bhala "gusti" hija wahda li taghti lok ghal problemi kbar minhabba li mhix wahda cara. Biex il-kumment ikun wiehed "gust", jehtieg li jkun imsejjes fuq hwejjeg li sostanzjalment sehhew u li jkunu l-fatti shah. Jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jezisti, ma tkunx tista' triegi aktar id-difiza tal-kumment gust. Il-fatt irid jigi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment gust dwaru, daqskemm tantiehor irid jipprova li s-suggett li dwaru nkiteb tali kumment kien wiehed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wiehed "gust". Kif jintwera li l-fatti msemmija kienu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jigi mistharreg jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom kinitx fil-limiti tal-jedd tal-espressjoni hielsa kif imfissra aktar qabel*[21].

Dwar l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' proceduri ta' libell jinsab ulterjorment stabbilit illi *l-oneru tal-prova li s-suggett li dwaru nkiteb hu wiehed ta' interess pubbliku, li fatti u li fuqhom hu bbazat l-artikolu huma veru u li d-diskors jikkostitwixxi fair comment fuqu, jinkombi fuq il-konvenuti. Il-konvenuti jridu jippruvaw:- a. That the statements of fact are true or that there has been no misstatement of facts in the statement of the materials upon which the comment was based and; b. That the comment based on such facts is warranted in the sense that fair minded men might buona fide hold the opinion expressed upon them."*[22]

Dawn il-principji guridici jghoddu wkoll fir-rigward ta' diskorsi pubblici – inkluz dak in kwistjoni li sar mill-konvenut *qua* Kap ta' l-Opposizzjoni waqt attività pubblika li certament kienet u fil-fatt giet, inkluz id-diskors maghmul waqtha, irrappuratha fil-medja – stante li a tenur ta' l-Artikolu 24A tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, *l-azzjonijiet kriminali u civili imsemmija fl-artikolu 23 jistghu jittiehdu wkoll kontra kull persuna li tkun ghamlet diskors pubbliku f'cirkostanzi fejn hija tkun taf jew ragonevolment setghet tkun taf jew tistenna li l-kontenut tieghu se jigi pubblikat f'gazzetta jew f'mezz tax-xandir u fil-fatt ikun kollu jew parti minnu hekk ippubblikat.*

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami l-konvenut ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li l-'fatti' li fuqhom u a bazi ta' liema huwa ghamel l-affermazzjonijiet li ghamel fil-konfront ta' l-attur waqt id-diskors tieghu gewwa l-Mosta fit-12 ta' Awwissu 2007, u avvanza l-kritika w opinjonijiet tieghu fir-rigward, huma sostanzjalment veri.

---

[21] Onor. Dr. Gavin Gulia v. David Agius et, Citaz. Nru. 1286/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Settembru 2002.

[22] Charles Mizzi v. Godfrey Grima et, Citaz. Nru. 971/93, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Ottubru 2001.

Jibda biex jigi osservat li l-konvenut kien kemm xejn evasiv fir-risposti tieghu ghall-kontro-ezami li sarlu waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2013[23] wara li in ezami ta r-ragunijiet u fatti fuq liema bbaza d-diskors tieghu fir-rigward ta' l-attur. Ad ezempju in risposta ghall-mistoqsija *irrizultalek illi fil-parti mehuda kien hemm razzett?* liema domanda saritlu wara li ddikjara li fi Triq Sant' Andrija kienet giet esproprjata biss proprjetà ta' l-attur u mhux ukoll partijiet ta' proprjetajiet adjacenti di proprjetaà ta' terzi, il-konvenut wiegeb *irrizultali li dak illi sar, sar b'mod differenti milli sar ghall-persuni ohra fl-istess triq.* Hawnhekk fil-fatt il-Qorti osservat *le, mhux dik id-domanda. Jekk kienx hemm razzett fil-parti esproprjata, iva jew le? Jew irrizultalek jew ma rrizultalekx* u l-konvenut irrisponda *ma kontx dhalt f'dak il-matter.* Mistoqsi mill-gdid *jigifieri ghad-domanda li ghamiltlek qabel, mela ttiehditlu l-art hu u l-gara kollha. Il-gara wkoll irrizultalna li qeghdin jithallsu u thallsu. Tista' tghidilna ghaliex il-Perit Zammit ma kellux jigi trattat bhac-cittadini l-ohra li ttehditilhom l-art fl-istess triq?* il-konvenut wiegeb *effettivament irrizultatli illi gie trattat b'mod illi kien aktar effikaci, aktar efficjenti u rrombla aktar malajr u illi kien hemm ukoll allegazzjonijiet li qatt ma gew kjarifikati li permezz tal-procedura li segwa gie rikumpensat aktar minn haddiehor.* Mistoqsi wkoll *ghandek dik il-pjanta, inti ghditilna li hu kien obbligat jew ma nafx x'ghedtilna li hu kellu jestendi ghal fuq it-triq u mhux il-Gvern ihallsu. Fuq liema parti qed titkellem imma dik?* il-konvenut wiegeb *ifhem id-dettalji tant huma fl-imghoddi li ma nistax nikkummenta ruhi fuqha din il-haga. Kien hemm id-dokumentazzjoni li harget dak iz-zmien, kien hemm l-istqarrijiet li ghamilt dak iz-zmien. Dik nerga' nghid li niftakar jien ... il-frontage kellu jkun responsabilità kollha tieghu ghall-istreet forming. Minflok giet esproprjata parti kbira tal-frontage, zamm bicca zghira allura l-frontage kien zghir u minn fuq imbaghad kellu wkoll u ghamel a claim ghall-esproprjazzjoni. Dik li niftakar jien.* Mistoqsi ulterjorment *issa hu applika fuq dik il-frontage kollha?* il-konvenut wiegeb *dak id-dettal jiena ma niftakrux. Jiena kelli min ghamel analizi, dan qed nitkellmu 7 snin, 8 snin ilu u jien qed nghidlek ezattament il-fatti kif nafhom jien jigifieri din hi l-bazi li qed nirrispondi, jien qed nirrispondi fuq il-fatti kif gew mghoddija lili.*

Minn din l-ahhar twegiba tal-konvenut jirrizulta li huwa bbaza d-diskors tieghu fir-rigward ta' l-attur fuq analizi ta' 'fatti' maghmula minn terza persuna izda din it-terza persuna baqghet ma tressqet qatt bhala xhud sabiex tixhed dwar u tikkonferma din l-analizi li allegatament ghamlet. Mhux hekk biss imma anke mix-xhieda prodotti mill-konvenut stess in sostenn ta' dak minnu allegat u affermat fil-konfront ta' l-attur waqt id-diskors metru ta' dawn il-proceduri – senjatament mix-xhieda ta' Martin Saliba in rapprezentanza tal-MEPA u mix-xhieda ta' Margaret Falzon in rapprezentanza tal-Kummissarju ta' l-Artijiet – jirrizultaw fatti al quanto differenti minn kif esposti mill-konvenut.

Mix-xhieda ta' Martin Saliba[24], rapprezentant tal-MEPA, u b'mod partikolari mid-dokumenti esebiti minnu jirrizulta li l-permess ghall-izvilupp fuq il-proprjetà li l-attur ghandu z-Zurrieq inhareg f'Mejju 1987 u f'dak il-perijodu t-triq, ossia Triq Sant' Andrija, kienet già iffurmata. Gara però li in segwitu, u cioè wara li nhareg il-

[23] Fol. 264 sa' 270 tal-process.
[24] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012, fol. 244 sa' 249 tal-process.

permess ghall-izvilupp a favur l-attur, ittiehdet id-decizjoni mill-awtoritajiet kompetenti li Triq Sant' Andrija iz-Zurrieq kellha titwessa bil-konsegwenza ghalhekk li gew esproprjati diversi bicciet ta' art, fosthom zewg bicciet art proprjetà ta' l-attur, sitwati f'dik it-triq. Mix-xhieda ta' Margaret Falzon[25] in rapprezentanza tal-Kummissarju ta' l-Artijiet irrizulta li fl-1989 kienet saret esproprjazzjoni ta' hames bicciet art fi Triq Sant' Andrija, fosthom zewg bicciet art di proprjetà ta' l-attur. Irrizulta wkoll li sa' l-2005 is-sidien ta' l-artijiet esproprjati – hlief ghall-attur – kienu rcievew in-*Notice to Treat* u f'uhud mill-kazijiet anke waslu fi ftehim dwar il-kumpens ghall-esproprjazzjoni ta' l-artijiet taghhom u thallsu tali kumpens. Fir-rigward ta' l-attur kien biss fl-2006 li saret talba da parte ta' l-ADT sabiex tigi formalizzata l-esproprjazzjoni ta' zewg bicciet ta' art li kienu ttiehdu lill-attur fl-1989 u b'hekk jigi ikkumpensat ghal tali esproprjazzjoni. Fir-rigward hija fil-fatt xehdet illi: *Mela se nghid l-istorja x'gara ezatt. Mela fil-21 ta' Frar tas-sena 2006, id-dipartiment ircieva talba min-naha ta', dak iz-zmien kienet l-ADT, illum Transport Malta, biex nesproprjaw bicca art Hal Safi. L-ittra kienet iffirmata kif kien rikjest mill-Ministru ta' dak iz-zmien u l-permanent secretary ircieva executive tal-ADT. Fl-ittra kien hemm ukoll li l-art kienet ittiehdet fl-1989 ghalkemm l-ittra kienet fl-2006 u kien hemm xi strutturi fuq l-art. Kien hemm talba fost affarijiet ohra min-naha tal-ADT fost affarijiet ohra kien hemm miktub li l-art kienet ittiehdet fl-1989 mhux jigifieri kienet dak iz-zmien. Imbaghad bdiet il-procedura normali li jiehu d-dipartiment biex jesproprja. Jigifieri saret stima minn perit imqabbad mid-dipartiment. Kien il-Perit Mizzi, u saret l-istima. ... It-talba saret fi Frar tas-sena 2006 u l-istima saret jigifieri tahielna l-perit fid-19 ta' Gunju tas-sena 2006. Wara, kif inhi l-procedura wkoll tad-dipartiment, intalbu l-flus min-naha tal-ADT biex ikun jista' jesproprja d-dipartiment.... Mit-2003 wara li kien hemm l-emendi fil-ligi fic-chapter 88 bdew jigu mid-dipartiment jew l-entità li titlob l-esproprju jigifieri din id-darba kienu ntalbu min-naha taghhom il-flus. ... Kien hemm xi ftit fuq problemi interni, kien hemm min qed jghidu li ghandhom xi credit. ... Irrid niccekkja l-file imma naf li kienu tawhomlna ghal xi haga ohra l-flus parti minnhom. Kienu tawhomlna fuq xi toroq ohra, m'ghandix nota ghal xiex ezatt imma intom ghandkom certu ammont ta' flus ghandkom, ha naghtukom id-differenza. ... Imbaghad harget id-dikjarazzjoni tal-president f'ernest proprju jigifieri fit-22 ta' Frar tas-sena 2007, f'April tas-sena ta' wara nghatajna parir legali min huma s-sidien u ftit wara harget ittra ufficjali li huma gew rikonoxxuti bhala s-sidien tal-art u wara sar il-hlas.*

In risposta ghall-mistoqsija *issa tlabtek ukoll informazzjoni jien fl-istess triq, x'kumpensi ohra nghataw u meta saret it-talba ghall-hlas?* Margaret Falzon iddikjarat illi: *Mela jien li sibt, cioè sabuli jigifieri, hawnhekk sibt 5 plots li jidhru vicin. Hawnhekk jidhru proprjetajiet tal-Perit Zammit u l-proprjetajiet l-ohra jigifieri qrib hafna u gibt daqsxejn ta' informazzjoni fuqhom. Issa jien immarkajthom 1, 2, 3, 4 u 5 biex inkun nista' nirreferi ghalihom* – hawn ix-xhud taghmel referenza ghad-dokument Dok. "MF1" a fol. 253 tal-process. *Kollha fl-istess triq fil-fatt qeghdin ta'. Mela fuq il-1 u t-2 li huma hdejn xulxin kienet saret talba mill-works division f'Ottubru tas-sena 1994, il-gazzetta harget f'Lulju tas-*

[25] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, fol. 254 sa' 263 tal-process.

*sena 1995. Issa l-plot li tidher bhala 1 hawnhekk kienet stmata f'Mejju tas-sena 1996 – 8,385 euros (3,600 liri Maltin) – u ghandha area ta' 214 square metres. Kien hareg avviz ta' ftehim lis-sidien f'Settembru tas-sena 1998 u ma giex accettat, mar quddiem il-Land Arbitration Board u nghata 69,881 euros. Issa t-2 kienet stmata fis-sena 1999 – 29,117 euros – li tigi art adjacent ezatt ma' tal-Perit Zammit. ... L-area kienet 320 square metres. Dawn l-istess ikkontestaw il-prezz quddiem l-LAB u inghataw 159,562 euros. ... It-3 li hija hawn fuq jigifieri taqbez il-kantuniera (it-triq l-ohra), harget il-gazzetta f'Dicembru tas-sena 1973, hareg l-avviz ta' ftehim fi Frar tas-sena 1989 fuq 4,926 euros u thallsu dawn fuq dak l-ammont. Issa hemm il-4 u l-5. Il-gazzetta harget f'Awwissu tal-1996, qeghdin maqsumin fi tnejn, wahda minnhom giet stmata 19,334 euros, ghandha area ta' 380 metri kwadri u l-ohra area ta' 504 metri kwadri giet stmata 27,487 euros. Fil-fatt minhabba l-ewwel wahda li semmejt ta' 19,334 euros digà giet stmata ghax ghadda z-zmien u fis-sena 2001 giet stmata 39,995 euros. Hareg l-avviz ta' ftehim fuq dan l-ammont u bhalissa ghadu qed jigi kontestat, ghadha ma ttehditx decizjoni. Issa l-plot l-ohra giet stmata 27,486 euros, l-avviz ta' ftehim hareg fis-sena 1998 u ghad hemm proceduri quddiem il-bord (kontestata wkoll).* In risposta ghall-mistoqsijijiet *u kollha bdew il-process* (ghall-esproprazzjoni formali w eventwali kumpens) *fis-snin disghin jekk qed nifhem sewwa hux hekk?* u *U kollha damu?* Margaret Falzon wiegbet *Iva, ezatt. ... Kollha damu mhux hazin. Mid-dati li tajt jigifieri.*

Ghalkemm jidher li l-attur seta' ma damx wisq biex effettivament thallas minn meta saret it-talba ghall-kumpens, wiehed ma jridx jinsa u jinjora l-fatt li z-zewg bicciet art in kwistjoni kienu ttiehdu fl-1989, jigifieri madwar sittax/sebatax il-sena qabel. Ghad illi jista' hemm proprjetarji ta' artijiet li ttehditilhom proprjetà ghal skopijiet pubblici li ghadhom qed jistennew li jithallsu kumpens xieraq, ma jfissirx li l-attur irranga ma' l-awtoritajiet koncernati u ha trattament preferenzjali a paragun u a skapitu ta' haddiehor. Mill-provi li tressqu da parte tal-konvenut stess ma jirrizultax li d-Dipartiment ta' l-Artijiet u/jew l-ADT, bhala l-enti li hadet pussess ta' l-artijiet in kwistjoni, taw xi preferenza lill-attur. Di fatti mill-atti jirrizulta li l-attur ghandu proceduri pendenti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet[26] peress illi d-Dipartiment ma accettax il-pretensjoni tieghu li l-kumpens dovut lilu kellu jkun iktar minn dak stmat mill-Perit tad-Dipartiment, fatt dan li juri li certament l-attur ma inghatax preferenzi a paragun u a skapitu ta' haddiehor. Apparte minn hekk jirrizulta li fiz-zmien meta saret it-talba da parte ta' l-ADT vis-à-vis iz-zewg bicciet art li ttiehdu lill-attur, il-procedura adoperata ghall-hlas tal-kumpens, liema procedura kienet iddahhlet fis-sehh fl-2002 u kienet tapplika, fost ohrajn, ghal dawk l-artijiet li kienu ittiehdu mill-Gvern izda li saz-zmien tad-dhul fis-sehh tal-procedura kienet ghadha ma nhargitx in-*Notice to Treat*[27], kienet fis-sens illi l-enti li tkun hadet pussess ta' l-art kellha tipprovdi hi l-flus lid-Dipartiment ta' l-Artijiet, procedura din differenti w iktar efficjenti milli kienet tintuza fiz-zminijiet ta' qabel, iz-zminijiet li fihom kienu saru t-talbiet ghall-esproprju vis-à-vis il-girien ta' l-attur li lilhom ukoll kienet ittehditilhom xi proprjetà ghall-fini tat-twessigh ta' Triq Sant'

[26] Il-proceduri llum decizi b'sentenza tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet moghtija fil-31 ta' Ottubru 2012 u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fis-26 ta' Mejju 2017.
[27] Disposizzjonijiet transitorji ta' l-Att XI ta' l-2002.

Andrija, iz-Zurrieq. B'hekk il-kaz ta' l-attur ma huwiex ghal kollox paragunabbli mal-kazijiet tal-proprjetajiet l-ohra li ttiehdu fi Triq Sant' Andrija, Zurrieq, ghaliex ic-cirkostanzi u proceduri applikabbli fiz-zminijiet relattivi kienu differenti.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li ghalkemm waqt ix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2013 il-konvenut stqarr illi *l-Perit qabad u beda jizviluppa qabel kellu il-permess fis-sena 1987, ma' l-elezzjoni qabad u beda jibni. … Din kienet allegazzjoni li kellu li qatt ma semmejt*, dan il-punt imur lil hinn mill-mertu tal-proceduri odjerni li jittrattaw dwar dak li l-konvenut qal fil-konfront ta' l-attur waqt id-diskors tieghu gewwa l-Mosta fit-12 ta' Awwissu 2007, matul liema diskors ma jirrizultax li sar xi accenn jew riferiment ghall-permess ta' l-izvilupp, del resto kif ammess mill-konvenut stess. B'hekk il-Qorti ma tqisx li din l-affermazzjoni tal-konvenut hija rilevanti ghall-finijiet tal-proceduri odjerni u tal-prova li l-konvenut ghandu l-oneru li jaghmel ghall-fini li jiggustifika u jissostanzja id-diskors tieghu fil-konfront ta' l-attur.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti hi tal-fehma ghalhekk li ghad illi l-attur dak iz-zmien kien persuna pubblika non chè Ministru, dak mistqarr u ikkummentat mill-konvenut fir-rigward ta' l-attur waqt id-diskors tieghu gewwa l-Mosta fit-12 ta' Awwissu 2007, liema diskors ixxanndar fuq diversi mezzi tal-medja, la kien onest u lanqas kien gust fil-konfront ta' l-istess attur. Il-Qorti hija konvinta li l-iskop tal-konvenut wara d-diskors in kwistjoni kien biss li jwassal messagg lin-nies li kienu qed jisimghuh, kemm dak il-hin waqt id-diskors kif ukoll in segwitu meta d-diskors gie mxandar fuq diversi mezzi tal-medja, li l-attur ma kienx agixxa b'mod korrett u li uza l-posizzjoni gholja tieghu biex iffavorixxa lilu nnifsu. Dan però ma irrizultax ghaliex in verità l-attur ircieva kumpens ghall-esproprazzjoni ta' proprjetà tieghu, kumpens li kien intitolat ghalih ai termini tal-Ligi, u b'hekk dak affermat u ikkummentat mill-konvenut fir-rigward ta' l-attur ma kienx ibbazat fuq fatti sostanzjalment veri anzi kien ibbazat fuq *mis-statements*.

Jigi osservat li ghalkemm il-konvenut iqajjem ukoll id-difiza tal-*value judgement* u id-difiza ulterjuri li bid-diskors tieghu huwa kien qed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f'demokrazija li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika bhala deputat tal-poplu u Kap ta' l-Opposizzjoni u jesprimi fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku, dwar l-amministrazzjoni pubblika, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u fid-dawl ta' dak kollu hawn appena osservat, tali difizi wkoll ma jistghux jirnexxu.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **L-Onor. Avukat Dottor Louis Galea v. L-Onor. Prim' Ministru Alfred Sant, Citaz. Nru. 945/97** deciza fit-23 ta' Mejju 2002 u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fis-17 ta' Gunju 2005: *ma hemmx dubju li l-konvenut kellu u ghandu bhala Deputat tal-Poplu u l-Kap ta' l-Oppozizzjoni biex jaghmel dak li huwa dover u dritt tieghu li jikkritika l-amministrazzjoni fuq materji ta' interess pubbliku. Fil-fatt din il-Ligi u il-gurisprudenza nostrali tirrikonoxxi dan id-dritt u xejn minn din il-gurisprudenza fuq kwotata u hawn applikata ma jmur kontra tali dritt, ghaliex il-Qorti hija tenuta li tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-Ligi vigenti, u tali Ligi kif dejjem*

*interpretata konsistentement mill-Qrati taghna, tapplika u tirrikonoxxi l-istess dritt vantat mill-konvenut, però dan dejjem fl-orbitu ta' tharis tad-dritt bazilari ta' kull persuna huwa min huwa, li jiddefendi l-unur u r-reputazzjoni tieghu, tant li jista' jinghad, li min-naha l-ohra, dan huwa dritt fundamentali ta' kull bniedem u l-ligi tirrikonoxxih bhala tali, specjalment meta jsiru allegazzjonijiet ta' fatti fuq persuna, li jistghu u fil-fatt ikissru l-unur u l-integrità tal-istess persuna anke pubblika, u mill-ezami li jsir tali allegazzjonijiet ma jirrizultawx li huma pruvati jew li huma veritieri. Illi dan huwa konfermat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja, anke fuq riferita fil-kawza "Lingens vs Austria" (1986) fejn inghad li: "In the Courts view, a careful distinction needs to be made between facts and value judgements. The existence of facts can be demonstrated, whilst the truth of value Cit Nru: 945/97/RCP 52 23 ta' Mejju,2002(RCP) judgements is not susceptible of proof The Court notes in this connection that the facts on which Mr Lingens founded his value judgements were undisputed, as was his good faith....". Illi dan gie kkonfermat fil-kawzi "Obershlick vs Austria" (1991) u "Schwabe vs Austria" (1992) u "Castells vs Spain" (1992) fejn gie indikat li l-limiti ta' kritika huma ikbar meta diretti lejn il-Gvern tal-gurnata anke iktar hafna minn dawk possibbli fil-kuntest ta' cittadin privat u anke fil-kaz ta' individwu fil-politika, però imkien fl-istess sentenzi, inkluzi f'dawk l-iktar ricenti ta' "Bladet Tromso and Stensaas vs Norway" (1999), "Bergens Tiende and others vs Norway" (2000) u "Fuentes Bobo vs Spain" (2000) ma jinghad li jistghu jigu attribwiti fatti mhux veri lill-persuna anke jekk din ghandha posizzjoni pubblika, u dak li jissejjah bhala "value judgement" ghandu wkoll jigi bbazat fuq fatti u mhux fuq invenzjonijiet, u dan in verità u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma jistax ikun mod iehor, ghaliex ma jistax ikun hemm "value judgement" jekk almenu dan ma jkunx ibbazat fuq il-verità u l-fatt rejali, ghaliex altrimenti kif jista' jkun li tali "gudizzju" jkollu xi "valur"?.*

Ghalkemm il-kuncett tal-*value judgement* huwa soggett ghal parametri probatorji differenti mill-kuncett ta' *fair comment,* xorta jibqa' l-fatt li value judgement ibbazat fuq fatti li ma humiex sostanzjalment veri ma jistax ghajr li jitqies bhala eccessiv. Din l-osservazzjoni ssib konferma fid-decizjoni **Sizma vs Hungary** deciza f'Ottubru 2012, li stqarret is-segwenti: .... *in order to assess the justification of the statements in question, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgments, in that, while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgements is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is generally impossible to fulfill and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10 (see, for example, Lingens v. Austria, 8 July 1986, § 46, Series A no. 103; Oberschlick v. Austria (no. 1), cited above, § 63). The classification of a statement as a fact or a value judgment is a matter which, in the first place, falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts (see Pedersen and Baadsgaard v. Denmark [GC], no. 49017/99, § 76, ECHR 2004-XI). However, even where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it may be excessive (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001–II)."*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut id-diskors li huwa ta gewwa l-Mosta fit-12 ta' Awwissu 2007, in kwantu dan kien jirrigwarda l-attur kien malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur.

In kwantu rigwarda l-likwidazzjoni tad-danni pretizi mill-attur l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti dak affermat fir-rigward ta' l-attur mill-konvenut waqt diskors li ta gewwa l-Mosta fit-12 ta' Awwissu 2007, huwa malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur, il-kumpens dovut lilu in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata b'dan l-artikolu ghandu jkun fis-somma ta' elf Euro (€1,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li dak affermat fir-rigward ta' l-attur mill-konvenut waqt diskors li ta gewwa l-Mosta fit-12 ta' Awwissu 2007, liema diskors gie rrappurtat fil-medja, huwa malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur, stante li dak affermat waqt l-imsemmi diskors kellu l-iskop li jtellef jew jnaqqas r-reputazzjoni ta' l-attur, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €1,000 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €1,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**